MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 314/2003

**Adrian u Josianne konjugi Thewma**

**vs**

**Cristino Cassar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-27 ta' Marzu, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Fit-23 ta' Dicembru, 2002 waqt li l-istanti kien isuq Land Rover numru DAI 995 f'Had Dingli, din sfat involuta f'habta mat-*truck Bedford* numru IBE 762 misjuq mill-konvenut u ggarfet hsarat kbar.

Ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperzja u inosservanza tar-regolamenti izda hu qed jichad htijietu.

Kagun tal-incident l-atturi sofrew danni ammontanti ghal Lm5,738 (hamest elef, seba' mija u tmienja u tletin lira) – Dok P, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali imsemmi u ghad-danni kollha li, b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti.

2. Tillikwida d-danni msemmija fl-ammont ta' Lm5,738 jew somma verjuri occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas id-danni dikjarati u likwidati bhala dovuti *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi Lm23 ta' konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tal-lum lill-assikuraturi tal-konvenut *ai termini* tal-Kap. 104 u bl-imghax minn notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok illi hu ma huwiex responsabbli ghad-danni reklamati u ma jahtix ghall-incident premess mill-atturi, liema incident gara unikament tort ta' Adrian Theuma;

Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost li d-danni reklamati huma ezagerati u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2003, li in forza tieghu inhatret l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Claudine Galea, biex tisma l-provi kollha li jressqulha l-partijiet;

Rat il-verbali u l-inkartament tas-seduti mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat id-depozizzjoni tax-xhieda mizmugha mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-kaz jirreferi ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'Rabat *Road*, Dingli, fit-23 ta' Dicembru, 2002, ghal-habta tas-6.10am. L-attur Adrian Theuma kien qed isuq vettura tal-marka *Land Rover* numru DAI-995. Il-konvenut Cristino Cassar kien qed isuq *truck* Bedford numru IBE-762.

L-attur kien qed isuq il-vettura tieghu gewwa Rabat *Road*, Dingli, fid-direzzjoni tar-Rabat, ghal-habta tas-sitta ta' filghodu. Hu kien sejjer lejn ix-xoghol u kien ghadu d-dlam; kien qed isuq bid-dawl mixghula. Waqt li kien qed isuq fid-dritt, sab lill-konvenut quddiem wiccu u dahal fih. Irrizulta li l-konvenut hareg mid-*drive-in* tad-dar tieghu fuq il-lemin tal-attur, izda l-attur ma rahx hiereg mid-*drive-in* u jghid biss li sab lit-trakk tal-konvenut quddiemu. Meta l-attur ra t-trakk quddiemu, hu ghafas il-brejk u kiser biex jaqbzu min-naha tal-lemin, izda ma lahaqx skapulah u laqtu fuq il-genb tax-xellug. L-attur tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' sejjer sakemm habat mal-hajt tan-naha li

kiser. Hu spicca mal-hajt, bir-rizultat li l-*Land Rover* tieghu kellha hsarat sew fuq quddiem. It-triq quddiem id-*drive-in* tal-konvenut tidjieq ftit kif jidher fir-ritratti esebiti mill-attur. Il-*Land Rover* tal-attur spiccat *total-loss*, u wara li iddispona mill-*wreck*, qed jitlob id-differenza bejn il-valur tal-karozza tieghu qabel l-incident (Lm8,200) u l-valur tar-*wreck* (Lm2,500), *oltre* spejjez ohra, inkluzi s-*survey report* (Lm15), l-ispejjez tal-irmunkar (Lm20) u l-ispejjez tar-*road-accident report* (Lm3). L-attur sofra griehi zghar b'rizultat tal-incident, *pero'*, ma hu qed jirreklama ebda danni personali.

Xhud prodott mill-attur certu Peter Grima, li kien fuq il-post wara l-incident immarka fuq l-*sketch* tal-Pulizija punt fit-triq li kien qed juza l-attur fejn kien hafna *debris* (probabbli l-*point of impact*). Kemm dan ix-xhud kif ukoll missier l-attur, Joseph Theuma, jallegaw li, wara l-incident, it-*truck* tal-konvenut kien aktar immejjel lejn in-nofs tat-triq milli jidher fl-*sketch*. Missier l-attur indika punt ta' hafna *debris* (*point of impact)* f'post differenti minn dak li indika x-xhud. L-*sketch* gie ikkonfermat mill-ufficcjal tal-Pulizija li ghamlu.

Il-konvenut jghid li dak inhar tal-incident, hu kien qed isuq *truck* b'*crane* u kien hiereg mid-*drive-in* tad-dar tieghu. Peress li d-dar tieghu tinsab bejn zewg *bends*, qabel ma hareg hu hares kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel. Hu hareg u kif kien xi 30 pied f'*sideu*, sema' daqqa fuq wara tat-*truck*. L-impatt, jghid, kien vjolenti u d-daqqa kienet kbira; l-attur kellu hsarat kbar fil-karozza tieghu. It-tifrik tal-impatt hu rah taht it-*truck* tieghu. Il-konvenut ma rax il-*Land Rover* gej ghal-fuqu, u induna bih biss mad-daqqa. Waqt li kien hiereg l-konvenut kien xeghel id-dawl tat-*truck*.

*In kontro-ezami* l-attur jghid li meta ra l-ewwel darba lill-konvenut, it-*truck* tieghu kien orizontali, dritt quddiemu, u kien boghod qiesu tul ta' xi zewg jew tlett karozzi. L-attur jghid li waqt li kien qed isuq (vicin il-*crown of the road*, skond ma indika hu stess fuq ir-ritratt) teptep id-dawl u baqa' jsuq, peress li lill-konvenut ma rahx hiereg mil-lemin tieghu, u rah biss quddiemu. Traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq. Kien qed isuq bi *speed* ta' 35/40 mili fis-siegha. Hu laqat it-*truck* fuq il-*mudguard* xellugi ta' wara.

Il-*point of impact* kien fuq il-*lane* tieghu. It-*truck* ma kienx ghadu dahal kollu fuq in-naha ta' wara. (Il-Qorti, hawnhekk, tinnota kontradizzjoni fix-xhieda tal-attur, ghax jekk l-attur habat fuq wara tat-*truck*, u l-*point of impact* kien fil-*lane* tal-attur, isegwi li, fl-incident, it-*truck* tal-konvenut kien lahaq dahal kollu fil-*lane* tal-attur).

Il-konvenut ressaq bhala xhud lil Natalino Agius, *freelance surveyor*, u dana bhala espert *ex-parte*. Dan qal li ezamina z-zewg vetturi *in kwistjoni*. Dan ikkonkluda li l-attur baqa' diehel fil-*foot-rest* tat-*truck*, li giet mghawga 'l gewwa – *"biex tghawweg dan ifisser li kien hemm element ta' sahha"*. Hu xehed ukoll li l-vettura tfarket mal-impatt mat-*truck* u mhux ma haga catta bhal hajt. Ic-cirkustanzi ta' l-impatt jindikaw li kien hemm velocita', u jghid li kien hemm bejn 80 jew 90 kilometri fis-siegha bhala velocita' – *"l-impatt bla dubju kien qawwi"*. Mal-habta, l-magna tal-vettura tal-attur assorbiet parti mid-daqqa u resqet lura konsiderevolment. Hu jghid li l-*pre-accident value* tal-*Land Rover* tal-attur kien 'il fuq minn Lm7,000.

Id-dinamika tal-incident jindika li hu kaz ta' habta bejn attur li qed isuq f'*main road* u konvenut li kien hiereg minn *side-road*. *In tena legali* huma relevanti l-principji esposti minn din il-Qorti fil-kawza "Farrugia vs Meli", deciza fid-29 ta' Ottubru, 2003, u *cioe'*, li:

*"Il-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza u hu fis-sens li: s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jaghmel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b'mod diligenzi it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jaghmel dan minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli, u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu jew xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane …Aktar ma tkun popolari u traffikuza t-triq principali, akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra"*.

Is-sewwieq tas-*side-road “ghandu jidhol fil-main-road meta din tkun talment libera li jista’ jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m’ghandux jiehu”* – “Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-30 ta’ Mejju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII.IV.1108). Is-*side-road user* li jrid jidhol fil-*main-road* ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi *dead slow* li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista’ johrog bla hsara.

Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm *a proper look out*. Dan l-obbligu huwa korollari tal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta’ attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go *main road*.

Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, *in materja* ta’ incident ta’ traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta’ vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta’ kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta’ sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah *a reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli. *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view*. *The duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

Fid-dawl ta’ dawn il-principji, il-Qorti tqies li l-konvenut kellu obbligu akbar li jesplora l-*main road*, u jesplorha tajjeb. Hu kien se jfixkel il-*flow of traffic* u, ghalhekk, kellu dmir jara li ma jidholx fil-*main stream* tat-traffiku qabel ma jkun jista’ jaghmel hekk bla ma jfixkel lill-utenti l-ohra tat-triq. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-konvenut qal

li hares 'l fuq u 'l isfel, u hareg meta ma rax karozzi. Meta, *pero'*, ghamel l-istqarrija lis-surgent li investiga l-kaz, hu qal *"ittawalt 'l fuq fejn rajt li ma kien gej hadd, qsamt u l-vettura l-ohra dahlet go fija"*: il-konvenut ma ndikax li hares ukoll lejn in-naha minn fejn kien gej l-attur. Jidher li l-konvenut qabad hiereg mid-*drive-in* tad-dar tieghu, ta' harsa 'l fuq u baqa' hiereg, jikser 'l fuq lejn il-lemin tieghu. Konsiderando li kien qed isuq *truck*, il-manuvra li kien qed jaghmel il-konvenut ma kienetx wahda li setghet issir bil-heffa, u, ghalhekk, kellu aktar jasigura li t-triq tkun libera ghal-hin kollu mehtieg biex hu jkun jista' jidhol b'mod sostanzjali fil-*main road*. Il-konvenut jaf li d-dar tieghu hija bejn zewg *bends*, u, ghalhekk, il-hrug tieghu mid-*drive-in* kellha tkun aktar kawtelat u, fl-istess hin, mghagel.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma tarax li tista' thalli lill-attur bla kolpa. Hu, veru, kien qed isuq f'*main road*, *pero'*, jidher li kien qed isuq bi *speed* qawwi u kien aljenat. It-*truck* tal-konvenut hu wiehed kbir, u din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur ma rax it-*truck* hiereg, u ma rax it-*truck* qabel ma dan kien orizontali quddiemu. Jekk it-triq ma kienetx imdawla, aktar u aktar kellu jsuq b'attenzjoni, specjalment waqt li jkun qed javvicina l-post tal-konvenut, post li zgur jafu sew peress li jghaddi minn hemm kuljum ghax-xoghol. *Inoltre*, meta saret il-habta, il-konvenut kien kwazi ghamel *"a substantial entry"* fil-main-road, pero', l-attur xorta wahda laqtu fuq wara. Dan juri li l-attur ma kienx attent u ma kellux kontroll shih tal-vettura, ghax kieku kien qed isuq bid-debita prudenza u attenzjoni, kien jara lit-truck tal-konvenut *in good time* u kien jevita l-habta.

L-attur jghid li ra it-*truck* tal-konvenut meta dan kien xi zewg jew tlett vetturi 'l boghod quddiemu, izda xorta ma setghax jevita l-impatt li kien wiehed qawwi hafna. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq bi *speed* qawwi hafna, u anke mir-ritratti tal-*Land Rover* li esebixxa l-attur, jidher li din kellha hsarat kbar rizultat tal-impatt li kellu mat-*truck*.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Thake noe vs Newell", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1994, l-fatt biss li vettura tkun ipparkjata hazin, ma jirrendix lid-*driver* tal-vettura li dahal f'dik il-karozza ezenti minn kull responsabilita', sakemm

ma jigix provat illi bil-fatt biss li pparkja kif ipparkja, hu kien il-kawza prossima u immedjata tas-sinistru. Applikat dan il-principju ghal dan il-kaz, il-Qorti thoss li fil-waqt li hu veru li l-konvenut hareg mid-*drive-in* minghajr debita attenzjoni, l-attur ikkontribwixxa b'mod sinifikanti ghal-gravita' tal-incident, billi kien qed isuq bi *speed* qawwi u b'aljenazzjoni, u b'hekk ma kellux kontroll shih tal-vettura b'mod li ma setghax jevita l-incident jew inaqqas il-hsara.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li z-zewg partijiet jahtu ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali, u tqassam ir-responsabilita' fi grad ta' terz (1/3) fuq l-attur, u fi grad ta' zewg terzi (2/3) fuq il-konvenut.

Ghar-rigward tad-danni, jidher li hemm differenzi fil-valur tal-*pre-accident value* moghti lill-vettura tal-attur, *pero'*, id-depozizzjoni tas-*surveyor* Philip Attard hija aktar precisa u korroborata, u, ghalhekk, il-Qorti taccetta t-tezi tal-attur li llikwida d-danni sofferti minn fl-ammont ta' Lm5,738. Il-konvenut ghandu, ghalhekk, ihallas zewg terzi ta' dan l-ammont, u *cioe'*, Lm3,825.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa' *in parte* t-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghall-incident li sehh fit-23 ta' Dicembru, 2002, u ghad-danni konsegwenzjali, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm3,825 (tlett elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali, mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal-terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------